Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA` KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 26 – L-Erbgħa, 26 ta' Marzu, 2014**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-3.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Amanda Abela | Segretarju Eżekuttiv |

1. **Introduzzjoni mis-Sindku**

   Is-Sindku ta bidu għal-laqgħa.

2. **Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 25, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

3. **Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku**

   - 21 ta' Frar – twaħħal bollard fit-Triq Lourdes biex ma jkunux jistgħu jidħlu vetturi fil-ġnien ta' taħt Chambray.
   - Laqgħa mad-deputat kummissarju tal-Pulizija mas-Sindki t'Għawdex fejn talab il-kooperazzjoni tal-Kunsilli biex joffru aċċess għall-*cameras* li għandu kull-Kunsill fir-raħal, biex il-korp ikun jista' joffri l-għajnuna tiegħu u jkun hemm osservazzjoni ta' 24 siegħa mill-pulizija tad-*depo*. Il-Kunsill qabel li tingħata kull għajnuna lill-pulizija.
   - 5 ta' Marzu – is-Sindku u SE kellhom laqgħa ma' żewġ infermiera mill-Isptar Ġenerali t'Għawdex fejn ġew mistoqsija diversi mistoqsijiet li tirrigwardja l-anzjani fir-raħal.

- 7 ta' Marzu – il-Kunsill ġie mistieden jattendi laqgħa mal-perit Shawn Micallef, u Joe Mifsud fil-Ministeru rigward il-proġett Ta' Passi. Is-Sindku, Peter Caruana, Larry Buttigieg u s-SE attendew din il-laqgħa. Hawn il-perit Shawn qal li kien għad m'hemm korrispondenza jew kuntatt mal-Ministeru minn naħa tal-MEPA fuq l-applikazzjoni. Tul din il-laqgħa, il-Perit Shawn issuġerixxa li jsir *kiosk* taħt il-grownd u dan jingħata lill-klabb tal-football. Dr. Joe Mifsud u dawk preżenti ma qablux ma dan skont il-proċeduri tal-Kunsill. Il-perit qal lill-preżenti li kien ser jikkuntatja lill-MEPA fuq l-applikazzjoni ta' Passi u jinforma lill-Kunsill b'kull żvilupp.
- 13 ta' Marzu – is-Sindku, flimkien mal-perit Anġlu Portelli u Anthony Debono ltaqgħu Ta' Passi mal-bennejja Raymond Attard u John Farrugia biex jitkejjel il-bini li sar għall-presepju ħaj.
- 16 ta' Marzu – saret is-serata tal-vetturi antiki. Il-Kumitat li organizza s-serata bagħat *email* ta' ringrazzjament tal-għajnuna li offra l-Kunsill.
- Żjara f'Emiglia Romana mis-Sindki t' Għawdex organizzata mir-Regjun t'Għawdex – kienet żjara ta' suċċess mimlija b'*seminars* ta' tagħlim fejn ukoll attendew xi NGO's u ġie ffirmat ftehim fuq qbil ta' koperazzjoni bejn iż-żewġ naħat, b'mod partikolari għal Għawdex fejn hemm tradizzjoni ta' prodotti agrikoli.
- Applikazzjoni għal-fondi mill-EU taħt il-Gozo Action Group li tirrigwardja *Festivals u Events* – saret diskussjoni bejn il-preżenti, fejn ġie deċiż li ssir applikazzjoni għal fondi fuq festival f'Mejju 2015, u bħala proġett għandu jkun festival tal-bnadar fil-post Ta' Passi. Franco Ciangura għandu jieħu ħsieb li jikkoordina mal-uffiċċju tal-MEUSAC biex tiġi mħejjiha din l-applikazzjoni bl-għajnuna wkoll tas-SE.
- Talba għal *no objection* rigward tpoġġija ta' Luna Park fil-grownd tal-*football* – Is-SE informat lill-preżenti li hija talbet lill-organizzaturi ta' dan il-Luna Park biex jipprovdu kuntratt fejn juru li se jieħdu ħsieb li jinġabar l-iskart tal-persuni tal-Luna Park, peress li s-sena li għaddiet dan l-iskart intrema ħdejn il-*Bring in Sites*. Din preżentat ittra mingħand il-Mezzan li turi dan. Il-Kunsill qabel li ma jsibx oġġezzjoni biex isir dan u qal li importanti li l-*iskips* kollha jitpoġġew fil-grownd tal-*football* stess u mhux fuq il-bankina ħdejn il-Kunsill.
- Ittra mill-Għaqda Drammatika fejn qed tinforma li se ttellgħa' Via Sagra fiż-żona ta' Lourdes u Chambray f'Għajnsielem, fejn qed jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill biex jidħol f'kollaborazzjoni f'*recording*, dawl u *sound*. Il-Kunsill qabel li tintalab kwotazzjoni għas-servizz tas-*sound* u li l-Kunsill joffri sa massimu ta' €300 għal dan il-għan.

- Ittra mill-Kumitat tal-Banda biex isir programm ta' mużika sagra li se jtella' l-Kumitat tal-Banda fil-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani, u qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill – il-Kunsill qabel li jingħata €100 għal dan l-iskop.
- Laqgħa fuq r-riforma tas-sistema tal-infurzar organizzata mis-Segretarju Parlamentari Jose Herrera nhar is-Sibt 29 ta' Marzu fil-Grand Hotel – Is-Sindku, Peter Caruana u Franco Ciangura kkonfermaw li se jattendu.
- Ittra mingħand Joseph Scicluna, fejn qed jipproponi li f'kas ta' xoljament tal-kumitat tas-*softball*, jixtieq li fl-istatut tal-kumitat ikun hemm miktub li jekk jigri dan, l-*equipment* kollu jingħata lill-Kunsill sakemm jiġi ffurmat kumitat ieħor – il-Kunsill qabel li jsir hekk.
- TM – *double yellow line* in Triq Firilla ma ġewx approvati.
- Korrispondenza mill-MEPA fejn qed jgħidu li mill-fondi tal-UIF tal-Kunsill qed jiġu allokati 30% biex jinbnew ħitan ta' *plots* li għadhom vojta. Il-Kunsill se jibgħat ittra lil kull resident biex jibni dan il-ħajt fejn jinforma wkoll li jekk dan ma jsirx, il-MEPA tista' tagħmel dan għas-spejjeż tiegħu/tagħha fejn il-ħlas isir bl-imaxx meta ssir l-applikazzjoni għal-bini.
- Korrispondenza mill-MEPA rigward l-applikazzjoni tal-*platforms* fil-Bajja tax-Xatt l-Aħmar. Il-MEPA qed titlob aktar kjarifika fuq l-aċċessiblità. Is-SE se tieħu ħsieb li tikkomunika mal-Perit Godwin Sultana biex isir kif qed titlob il-MEPA.
- Green MT – is-SE kellha laqgħa mas-Sur Joe Attard fuq il-kuntratt tar-riċiklaġġ fejn ġie diskuss il-ġbir ta' dan l-iskart. Ġie deċiż li se jibda jkun hemm ġbir tal-ħġieġ minn kull dar fir-rahal nhar l-ewwel ġimgħa tax-xahar. Il-Green MT se toħroġ fuljett żgħir fejn tinforma f'dan lir-residenti t'Għajnsielem u terġa tfakkar kif qed isir il-ġbir tal-iskart kemm domestiku kif ukoll dak riċiklabbli.
- Is-SE prezentat stima mill-Enġinier Renzo Curmi biex isir dawl fil-ħajt tat-taraġ ta' Lourdes. Il-kunsill approva li jinxtraw il-*fittings* tad-dawl għalihom u x-xogħol isir mil-kuntrattur tal-i*street lightning*, Richard Cauchi.

## 4. Easter Egg Hunt

Is-SE spjegat li bħas-snin l-imgħoddija ġiet avviċinata minn Diana Vella minn Buzzy Kids Entertainment, fejn staqsiet jekk din is-sena l-Kunsill hux ser jorganizza Easter Egg Hunt. Il-Kunsill iddiskuta din l-attivita u qabel li din l-attivita għandha issir u l-Kunsill jieħu ħsieb li jiġu printjati l-*flyers* u jitqassmu bieb bieb f'Għawdex kollu u jitqabbad *warden* biex jikkontrolla t-traffiku. Il-kunsill qabel li jsir il-ħlas ta' €400 lill-Buzzy Kids Entertainment biex jintramaw l-stalls, eċċ għal-din l-attivita.

## 5. Għajn tal-Ħasselin

Is-Sindku qal li saret l-applikazzjoni mal-MEPA għall-*minor amendment* biex jitneħħew 2 filati mill-appramorta tal-Għajn tal-Ħasselin, u jsir *railing* aktar irtirat 'l ġew, kif kien miftiehem bejn il-Kunsill fil-laqgħat preċedenti. Wara jumejn, il-Kunsill irċieva risposta mill-MEPA fejn tgħid li din l-applikazzjoni mhix aċċettabbli. L-ittra tgħid ukoll li jekk il-Kunsill jixtieq li din il-proposta terġa' tiġi diskussa fil-MEPA, trid issir applikazzjoni ġdida. Il-Kunsill approva li japplika mill-ġdid mal-MEPA biex isir dan.

## 6. Għoti tal-offerti

Is-SE tat rendikont tal-offerti li nfetħu nhar il-5 ta' Marzu. Is-Sindku flimkien mal-kunsillier Peter Caruana kienu preżenti għal ftuħ tal-offerti. L-offerti huma:

- *Tender* GHJN 1/2014 – *Service of cleaning and attendance of public conveniences using environmentally friendly products at Pjazza Madonna ta' Loreto, Għajnsielem*

  Is-SE qalet li għal din l-offerta applika biss Għajnsielem Football Club bil-prezz ta' €4,658.75 fis-sena. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tingħata lil Għajnsielem Football Club, bil-kuntratt jibda' minn April 2014.

- *Tender* GHJN 2/2014 – *Tender for the installation, testing, operation and maintenance of online streaming equipment using energy efficient systems for Ghajnsielem Local Council*

  Is-SE informat lill-preżenti li ma kien hemm l-ebda offerent għal din l-offerta. Il-Kunsill qabel li din terġa' toħroġ.

- *Tender* GHJN 3/2014 – *Tender for Manufacture and Installation of Wash-basins at Pjazza tad-Dehra, Għajnsielem*

  Kien hemm offerent wieħed, Emanuel Saliba bil-prezz ta' €12,000. Tul din il-laqgħa tal-Kunsill, il-Perit Edward Scerri kif ukoll Emanuel Saliba attendew biex ġiet diskussa din l-offerta. Is-Sur Saliba spjega kif se jsir x-xogħol ta' dawn il-ħwat. Il-Perit Scerri, Emanuel Saliba u s-Sindku

għandhom jiltaqgħu ġewwa l-Għajn tal-Ħasselin tal-Fontana biex jiġi ċċarat kif se jsir ix-xogħol. Il-Kunsill approva li jingħata x-xogħol lill-Emanuel Saliba skond l-istruzzjoni tal-perit u dan għandu jibda minnufih. Is-SE se tieħu ħsieb tibgħat l-ittra għal approvazzjoni u jsir il-kuntratt.

- *Tender* GHJN 4/2014 – *Tender for the Supply, Installation, Testing and Commissioning of Electrical And Elc Systems for the Belvedere in Għajnsielem.*

  Kien hemm offerent wieħed, Richard Cauchi bil-prezz ta' €16,924.90. Is-SE għaddiet kopja ta' din l-offerta lill-Enġinier ta' Galea Curmi, fejn qed jitlob kjarifika ta' xi punti.

Is-SE informat lill-preżenti li fuq parir tal-perit Alex Bigeni, ġie mgħoti *extension* fuq l-offerta ta' GHJN 5/2014 – *Tender for the refurbishment of Belvedere at Ħamri Street, Għajnsielem.* Dawn l-offerti nfetħu nhar it-12 ta' Marzu, fejn kienu preżenti s-Sindku flimkien mal-Kunsillier Peter Caruana, u s-SE. L-applikanti kienu:

- Road Construction Ltd - €116,144,67
- Jason Gauci - €148, 159
- Gatt Tarmac Ltd - €119,005.33
- Omar Fava - €108,455.03
- Jesmond Xuereb - €139,165.09
- Pinu Attard - €181,257.15
- Pawlu Sultana - €121,744.71/€119,598.76
- Carmel Grima - €91,744.94

Il-perit Bigeni qiegħed għaddej bl-evalwazzjoni wara li ġew mitluba s-*samples* tal-materjal li ser jintuża. Il-Kunsill qabel li xħin il-perit jgħaddi r-rapport lis-SE, il-Kunsill jimxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-perit, u biex ma jintelifx żmien jintbagħtu l-ittri lill-offerenti.

## 7. Talbiet mir-Residenti

- Ħmieġ tal-klieb fiż-żona tal-Gudja - jitwaħħlu tabelli fiż-żona.

- Talba għal bozza mal-blokk Ben Court, fit-Triq Benghazi – il-Kunsill qabel li peress li hemm waħda qrib, faccata tal-blokk, għandha ssir applikazzjoni ta' ċaqliq ta' bozza.

**8. Materji Oħra**

Francis Cauchi

- Talba għall-*double yellow lines* fi Triq Sant Antnin quddiem ir-residenza ta' Rita Xuereb – il-Kunsill approva li ssir l-applikazzjoni ma' TM.

Peter Caruana

- Mera fit-Triq Sant Antnin – għandha tiġi nstallata fil-ġimgħat li ġejjin.
- Ħmieġ fit-Triq ta' Lourdes - jintbagħtu il-kenniesa. Teħel tabella 'tarmix żibel' mill-grotta 'l fuq.
- Tiġi nstallata bozza ġdida fil-Triq Martino Garces fid-daħla li tieħu għal wied – il-Kunsill approva li ssir applikazzjoni għal bozza ġdida.

Stephen Mercieca

- Żbir tas-siġar fil-Pjazza tad-Dehra – se jsiru fil-ġimgħat li ġejjin
- Staqsa fuq l-iżvilupp tal-applikazzjonijiet ta' lampi ġodda – is-SE qalet li l-applikazzjoni saret mal-Enemalta.
- Ħajt tas-sejjieħ imwaqqa fit-Triq il-Gudja – jitranġa mill-ħaddiema tal-Kunsill.

Larry Buttiġieġ

- Triq tax-Xatt l-Aħmar biex isir il-patching – sar ir-rapport mas-CMU

Franco Ciangura

- Talab lis-SE biex turi l-istampa li sab biex tiġi printjata fuq il-*poster* u titwaħħal mal-faċċata tal-Kunsill – Il-Kunsill approva li jsir dan.
- Suġġeriment biex jingħata s-*sealer* lil-monumenti li ġew irrestawrati s-sena li għaddiet. Il-Kunsill approva li jsir dan, u jitqabbad Rudolph Cauchi biex jagħmel dan.
- Staqsa jekk il-Kunsill jafx fuq xi arbli tal-enemalta li qed jiġu nstallati fit-Triq ix-Xatt l-Aħmar. Is-Sindku qal li huwa sar jaf dan dik il-ġimgħa stess fejn tkellem mal-Enginiera u sar ftehim biex din tmur fuq il-post u titkellem mar-resienti ta' din it-triq biex tintlaħaq soluzzjoni.

- Ħajt imwaqqa fi-Triq ta' Lourdes, fit-telgħa ta' quddiem il-Forti Chambray. Issir pressjoni fuq sid ta' din l-art biex jibni dan il-ħajt malajr.
- Talab biex il-Kunsill jagħti xi boroż u jibgħat lill-ħaddiema tal-ETC biex inaddfu it-toroq li se tgħaddi l-passjoni minnhom.
- Il-ħajt tal-grownd li jagħti fuq Ta' Passi saritlu xi ħsara bl-*iscafolding* li kien imwaħħal miegħu tul Bethlehem f'Għajnsielem. Talab lill-Kunsill biex jitqabbdu żewġ ħaddiema tal-Kunsill biex jirranġaw dan il-ħajt. Il-Kunsill qabel dejjem jekk dawn jaċċettaw.
- Isiru 2 *bollards* oħra fi-Triq Lourdes, biex jingħalaq għal kollox l-aċċess bil-vetturi għal-ġnien ta' taħt Chambray – il-Kunsill qabel.
- Issuġġerixxa li tiġi nstallata statwa ta' mara taħsel il-ħwejjeġ fl-Għajn tal-Ħasselin – il-Kunsill qabel li Franco jagħmel *sketch* tal-istatwa u wara jinġab prezz tal-figura magħmul mill-*fibre*.
- Staqsa fuq il-permess Ta' Passi – Is-Sindku qal li l-Kunsill ma rċieva l-ebda korrispondenza mill-MEPA jew Ministeru.

**Tmiem il-laqgħa**

Wara li kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Tlieta, 22 ta' Marzu 2014, fit-3.00pm, is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa fit-6.30pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Abela
Segretarju Eżekuttiv